**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, 31 ta' Lulju 2024**

Każ Nru: 168/2021

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Frankie Mercieca u spettur Anthony Scerri)

**kontra**

**JOVAN TODOROVIC**

(detentur tal-passaport Serb bin-numru 012241682)

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Jovan Todorovic** ta' 44 sena, bin Milance u Dusanka, imwieled Leskovac, nhar il-15 ta' Jannar 1976, residenti ġewwa 88, Triq il-Fortizza, Mellieħa u detentur tal-passaport Serb bin-numru 012241682, akkużat talli nhar l-10 ta' Ġunju 2020 u fil-jiem ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Biegħ jew xort'oħra ttrafika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannabis jew biċċa minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. kif ukoll nakkużawh talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li ġie ffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap. 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
5. kif ukoll nakkużawh talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
6. kif ukoll nakkużawh talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorita' leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Sec. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta);

Din il-Qorti ġiet mitluba tisskewestra f'idejn persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunujmissu lill-akkużat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

In oltre, f'każ ta' ħtija, din il-Qorti ġiet ukoll mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2020 permezz ta' liema a tenur tas-subartikolu (2) ttal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrieh kif ukoll il-kontro-ordni a tenur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 u tal-artikolu 31 tal-istess Ordinanza sabiex l-imputat jiġi proċessat minn din il-Qorti u r-rinviju għall-ġudiżżju intavolat mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali intavolati nhar l-14 ta' Diċembru 2021. Fir-rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ndika s-segwenti artikoli tal-liġi:

a) Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Atikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda mressqa;

Rat ir-rikors konġunt ippreżentat mill-Avukat Ġenerali u mill-imputat intavolat nhar is-7 ta' Novembru 2023 a tenur tal-artikolu 392A(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti li f'każ li l-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu *"... il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur, flimkien ma' multa ta' sebat elf Ewro (€7,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjli għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9, 101, 61 u 217 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess rikorrenti imputat Jovan Todorovic."*

Rat l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 2024, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li din il-Qorti solennement spjegat il-konsegwenzi legali tal-istess u tatu l-opportunita' jirtira l-istess ammissjoni wara li issospendiet is-seduta sabiex tati żmien lill-imputat żmien jikkunsidra l-istess u jerġgħa jikkonsultaw mal-avukat tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu ormai jirriżultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena, din il-Qorti ħadet kont taċ-ċirkostanzi u tan-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom il-qua imputat ser jinsab ħati, inkluż l-ammont u t-tip ta' droga nvoluta kif ukoll il-fattt li l-falsifikazzjoni tad-dokumenti saret fuq dokumenti li huma meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-imputat. B'hekk il-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi għandha tkun dik ta' priġunerija effettiva. Ser tqis ukoll li numru ta' reati li tagħhom qed jinsab ħati l-imputat huma komprizi u nvoluti f'reati oħra u ghaldaqstant ser tapplika f'dan ir-rigward l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li għal numru ta' reati oħra huwa applikabbli l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat u l-

ammissjoni tal-imputat minkejja li ma jistgħax jingħad li din l-ammissjoni kienet waħda bikrija.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti tagħżel li taderixxi mar-rikors konġunt ipprezentat mill-partijiet u konsegwentament ser tgħaddi sabiex timponi l-piena hemmhekk indikata.

Illi fl-udjenza tas-17 ta' Lulju 2024, l-imputat talab sabiex il-multa titħallas b'rati mensili. Issa l-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali jistipula:

> *"(1) Persuna ikkundannata għall-ammenda jew għall- multa għandha tħallasha minnufih. B'danakollu l-qorti tista', għal raġuni li għandha tiġi irreġistrata, tordna lill-persuna ikkundannata lit ħallas l-ammenda jew il-multa lir-reġistratur f'dak iż-żmien li jiġistabbilit mill-qorti fis-sentenza:"*

Minn qari ta' dan is-subartikolu jirriżulta li bħala regola l-multa imposta għandha titħallas minnufih. Huwa biss għal raġunijiet li  għandhom jiġu speċifikati fis-sentenza li l-Qorti tista' tati żmien lill-persuna ħatja żmien sabiex tħallas il-multa imposta. Illi fit-talba tiegħu l-imputat ma spjegax ir-raġuni għala huwa jixtieq iħallas il-multa imposta permess ta' rati mensili. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti ħadet kont tal-fatt li mill-atti proċesswali jirriżulta li Todorovich ma għandux rabtiet sodi ma' Malta u lanqas impjieg prospettiv. Għaldaqstant u anke tenut kont tal-ammont tal-multa, din il-Qorti ma hjiex tal-fehma li tista' tilqa' t-talba tal-imputat f'dan l-istadju u f'dawn iċ-ċirkostanzi u b'hekk ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 23 u 189 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a) u (e), 22(1B), 22(2)(b)(i) u (ii) u 22(3A) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-qua imputat**, Jovan Todorovic,** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament din il-Qorti qed tikkundanah għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur, flimkien ma' multa ta' sebat elf Ewro (€7,000) li f'każ li ma titħallasx għandha tiġi konvertita fi priġunerija a tenur tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali;

A tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti ammontanti għas-somma t'erbat elef, tmienja u għoxrin Ewro u sittin ċenteżmu (Eur. 4,028.60).

Il-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli kollha tal-ħati kif ukoll il-konfiska tal-corpus

delicti u tal-oġġetti relatati mad-droga. Din il-Qorti qed tordna ukoll id-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti qed tordna ukoll notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribuali Kriminali kif ukoll lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**